# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

## Udjenza tad-9 ta' Novembru 2023

**Talba nru. 169/2022**

**JOSEPH FARRUGIA (K.I. 632558 (M)) U GLORIA FARRUGIA (K.I. 435569 (M))**

***VERSUS***

**PARENTS' FOUNDATION FOR EDUCATION**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-2 ta' Gunju 2022 (a fol 1 et seq), l-atturi talbu s-somma ta' elfejn u seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2795.25) rappreżentanti *contribution fees* illi l-atturi ħallsu lill-fondazzjoni konvenuta, flimkien mal-imgħax legali min-notifika tal-ittra uffiċċjali tad-29 ta' Jannar 2022.

Ra illi fit-8 ta' Lulju 2022 il-fondazzjoni konvenuta ġiet debitament notifikata (a fol. 6).

Ra illi l-fondazzjoni konvenuta ppreżentat ir-risposta tagħha fit-2 t' Awwissu 2022 (a fol. 7).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fil-31 t'Ottubru 2022, l-atturi għalqu l-provi tagħhom (a fol. 53).

Ra illi fis-16 ta' Jannar 2023, il-fondazzjoni konvenuta għalqet il-provi tagħha (a fol. 67).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Jidher ċar mill-proċess, u ukoll fatt mhux kontestat, illi r-relazzjoni bejn l-atturi u l-fondazzjoni konvenuta bdiet meta ż-żewġ ulied tal-atturi, u ċioe´ Nathan James u Kieran Luke attendew l-iskola San Andrea snin ilu.

Il-punt ta´ kontestazzjoni bejn l-atturi u l-fondazzjoni konvenuta hu dwar ir-rifondazzjoni tal-ħlas tal-*contribution fees* illi l-atturi ħallsu lill-fondazzjoni konvenuta meta l-ulied tal-atturi attendew l-iskola ta´ San Andrea u liema *contribution fees* għadhom sal-lum il-ġurnata mhux rifużi lill-atturi.

Kontumaċja tal-fondazzjoni konvenuta

Jibda´ sabiex jingħad illi, għal kull buon fini, dan it-Tribunal innota illi l-fondazzjoni konvenuta ġiet debitament notifikata fit-8 ta´ Lulju 2022 (a fol. 6) iżda ppreżentat ir-risposta tagħha fit-2 t´ Awwissu 2022 (a fol. 7), b´dan illi l-fondazzjoni konvenuta setgħetx titqies kontumaċi *stante* illi ma ppreżentatx ir-risposta tagħha fi żmien tmintax-il ġurnata, hekk skond il-leġislazzjoni sussidjarja 380.01 regolament 4.

Biss pero´, dan it-Tribunal jinnota wkoll illi l-elementi neċessarji sabiex jkun hemm kontumaċja ġew stabbiliti mill- Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Costantino Abela vs George Azzopard***i deċiża fit-28 ta' Mejju, 1990 il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi: "*Il-kontumaċja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza*."

F´dan il-każ hu ċar mill-proċess illi l-fondazzjoni konvenuta attendiet mill-ewwel seduta b´dan illi l-kontumaċja allura ma daħlitx fis-seħħ.

Il-ftehim bejn l-atturi u l-fondazzjoni konvenuta

Jidher mill-evidenza prodotta illi l-istatut tal-fondazzjoni konvenuta inħoloq fl-1988 u li kien emendat fl-1993 u fl-1998.

In-numru 7 tal-*Contribution Rules* datati 14 ta´ Lulju 1988 jipprovdi illi "*Contributions A shall be made on a refundable basis provided that the Foundation shall be entitled to determine when such refunds shall be made and the method of such refund. Provided however that under no condition shall any contribution A bear interest in the favour of the contributor*" (a fol. 12). Dawn ir-regoli issaħħu meta daħlu fis-seħħ il-*Contributions Rules 2/93*, hekk kif jipprovdu dawn l-istess r-regoli taħt artikolu 1. Inoltre´, dawn it-tali regoli jipprovdu kif iridu jsiru r-rifużjonijiet taħt artikolu 7 illi jiprovdi, fost oħrajn, illi "*(6) Contributions shall be refunded from other Contributions only when the Foundation has, in its sole discretion, completed the necessary capital investment programme in any school. Refunds of Contributions shall be financed from the new Contributions committable to that same school*" (a fol. 17). Tali regoli kienu reġgħu issaħħu fl-1998 u li tali regoli kienu applikabbli "*to Contributors whose first registered child is born on 1st January 1998 or thereafte*r. *These rules apply in addition to the existing contribution and admission rules in relation to such children until the latter are superseded by new*

*contribution and admission rules applicable to each school independently of each other*" (regolament 1, a fol. 22). Tali regoli għal darb´oħra japplikaw l-istess mod kif ir-rifużjoni tal-kontribuzzjonijiet għandha sseħħ.

Jidher ċar mill-proċess, u anke mhuwiex fatt kontestat bejn il-partijiet, illi hekk kif il-ġenituri kitbu lill-uliedhom sabiex uliedhom jattendu l-iskola ta´ San Andrea, tali ġenituri ħallsu l-ammont ta´ sitt mitt lira Maltin (LM 600) illi kellhom ikunu rifużi iktar ´il quddiem skond l-istatut tal-fondazzjoni konvenuta, u dan anke kif jidher fl-affidavit tal-attur, Joseph Farrugia, a fol. 28.

Minbarra dan l-ammont ta´ flus, jidher ċar ukoll mill-proċess, u anke dan mhuwiex fatt kontestat, illi l-atturi ħallsu l-ammont ta´ ħamsin lira Maltin (LM 50) għal kull wild għal sitt snin b´dan illi kienu meqjusa bħala kontribuzzjonijiet supplimentari, jew kif kienu magħrufa bl-Ingliż *supplementary contributions*, u dan anke kif jidher minn wieħed mid-dokumenti ppreżentati mal-affidavit tal-attur Joseph Farrugia a fol. 32.

Mid-dokumenti ppreżentat mal-affidavit tal-attur Joseph Farrugia a fol. 27 sa 51, jidher ċar illi l-atturi kienu jafu li dawn it-tali flejjes ser ikunu rifużi iktar ´il quddiem skond kif jipprovdi l-istatut illi jirregola l-fondazzjoni konvenuta u li l-atturi kienu rregolati bir-regoli datati 1998 *stante* l-ulied tal-atturi inkitbu f´din l-iskola fl-1999.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi ġjaladarba l-atturi ffirmaw sabiex jibgħatu lill-uliedhom f´din it-tali skola, allura huma kienu kuntenti bil-ftehim illi daħlu fih mal-fondazzjoni konvenuta u li tali ftehim ma jistax jaqa´ sakemm mhux bil-kunsens tal-partijiet kollha illi huma parti minn tali ftehim u ċioe´ tal-atturi u tal-fondazzjoni konvenuta, u dan skond l-artikolu 992 tal-Kodiċi Civili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta´ Malta.

L-atturi għamlu referenza għall-artikolu 1078 tal-Kodiċi Civili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta´ Malta sabiex jiddefendu r-raġuni tagħhom għaliex huma jemmnu li wasal iż-żmien illi huma jirċievu r-rifużjoni tal-kontribuzzjonijiet hekk imħallsa minnhom lill-fondazzjoni konvenuta.

Biss pero´ tali artikolu jipprovdi kif l-obbligazzjoni trid tkun imħarsa mid-debitur meta tali debitur ma jipprovdix mod ċar kif ser tkun imħarsa tali obbligazzjoni u dan *stante* illi tali artikolu jipprovdi illi

"*Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:*
*(a) jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fiżmien sentejn, jekk din is-somma għandha tingħatamingħajr imgħax, jew, fi żmien sitt snin jekk is-sommagħandha tingħata bl-imgħax;*
*(b) jekk l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett tagħha xi ħaġ'oħra li ma tkunx somma ta' flus, iż-żmien li fihgħandha tiġi esegwita l-obbligazzjoni jiġi stabbilitmill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi.*"

F´dan il-każ, il-fondazzjoni konvenuta la kellha r-rieda totali sabiex tiddeċiedi hi meta jsiru r-rifużjoni tal-kontribuzzjonijiet, la qalet biss meta tkun tista´ u anqas qalet biss meta jkollha l-mezzi *stante* illi pprovdit b´mod ċar meta r-rifużjoni tal-kontribuzzjonijiet ser issir.

Inoltre´, huwa ferm important illi tali artikolu jinqara wkoll fl-ambitu tal-artikolu 993 tal-Kodiċi Civili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta´ Malta *stante* illi l-Liġi tipprovdi artikoli ċari fuq l-effetti tal-kuntratti filwaqt illi l-artikolu 1078 hawn fuq imsemmi jipprovdi biss provviżjoni ġenerali għal kull obbligazzjoni u mhux biss għall-kuntratti, b´dan illi allura l-artikoli illi jirregolaw b´mod ċar il-kuntratti jridu jieħdu preċedenza fuq l-artikoli illi jirregolaw l-obbligazzjonijiet b´mod ġenerali. Artikolu 993 jipprovdi illi

*"Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi."*

Dan l-artikolu allura juri b´mod unekwivoku illi l-partijiet illi jkunu ffirmaw il-kuntratt iridu jkunu lesti illi jintrabtu b´kull obbligazzjoni. Il-partijiet dejjem għandhom id-dritt illi jiddeċiedu illi ma jintrabtux bi ftehim. Biss pero´, ġjaladarba l-partijiet ikunu ddeċidew illi jintrabtu bi ftehim, ma jista´ ħadd minnhom meta jiftillu jiddeċiedi illi issa mhux kuntent bit-tali ftehim għaliex tali atteġjament imur kontra l-ispirtu tal-*bona fidi* illi l-partijiet iridu japplikaw meta jintrabtu b´kuntratt.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-atturi.

L-ispejjeż gudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma a kariku tal-atturi.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur